**KUNSILL LOKALI NADUR**
**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**DISA' (9) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru Seba' u Tlettin (37)**

**Il-Ħamis, 11 ta' Novembru, 2021**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali (Sala Joe Tabone) fl-4:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Megan Portelli | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**37.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kienx hemm apoloġiji.

**37.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.**

Il-Minuti tat-Sitta u tlettin (36) il-laqgħa tal-12 ta' Ottubru 2021 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 36 ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent:-Joseph Vella u Sekondant: Eucharist Camilleri.

**37.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

Fadal jidħol madwar 1,000 co-financing, 4.5K tal-LA WSC fuq il-Pjazza, 1,185 tat-tabelli tal-Eco Gozo, 2,270 reimbursement tal-MITA, madwar 6,700 refund fuq restawr monument u 3,000 fuq il-Halloween. Il-Kunsill ser jibgħat ukoll kull xhar il-kontijiet tal-WIFI.

Skema librerija- Il-Kunsill ser jixtri l-kotba peress li talba ġiet aċċettata.

Air conditioners għas sala tal-Kunsill- Kien hemm tlet kwotazzjonijiet. Il-Kunsill ser jara minħabba sitwazzjoni tal-piping u copper li hemm bzonn ezatt u immexxu.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

**37.4. Quarterly Report July- Sept 2021**

Għal din il-laqgħa kienet mistiedna l-accountant tal-Kunsill. L-Accountant spjeġat dan ir-rapport fit-tul. Wara diskussjoni mal-Accountant dan ir-rapport ġie approvat minn dawk kollha preżenti.

**37.5. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

***37.5.1. Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

- Patch  fil-Pjazza Dun Martin Camilleri- Din ser issir mal-patch ta' Triq Dicembru 13.
- Yellow lines ħdejn garage fi Triq ta' Said – Dawn lesti
- Sement ma' kantuniera ta' bankina – Din lesta.
- Yellow lines ma' ġenb sqaq fi Triq Grunju – Dawn Lesti.
- Rampi bis-sement f'Wied Bingemma – Dawn lesti.
- Sement taħt bankina fi Triq San Blas –Dan lest.
- Internet u telephone fil-Muzew Marittimu. L-Arcipriet infurmat fuq dan u bgħat ittra.
- Jitraġġaw zewġ bankini bis-sement fi Triq il-Qala – Dawn lesti.
- Injama għat-tarag tas-shelter – Din lesta.
- Rampa biex tinbidel fi triq Sant Indrija – Din lesta.
- Sement taħt bankina fi Triq it-Tigrija u Triq it-Telegrafu – Dawn lesti.
- Rampa biex tinbidel fi Triq Mnarja – Din lesta.
- Repaint yellow lines fi Triq Xandriku – Dawn lesti.
- Pendings:- Bankina biex titbaxxa fi Triq San Blas, Bankina bis-sement fi Triq tax-Xini, Bankini ġodda fi Triq ta' kenuna fil-parti tat-telgħa, Madurm għal rampa fi Triq il-Madonna ta' Fatima, Madurm għal bankina fi Triq Grunju, Clean up lejn l-għar ta' Mixta.

***37.4.2. Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri***:

- Sistema tal-Pannelli fi Triq l-Inzul il-Franċizi –  Qed isir ix-xogħol.
- Yellow lines fi Triq it-Tramuntana -dawn għadhom ma sarux.
- Titneħħa rampa fi triq il-Knisja- Hemm l-armar fuqha.
- Rampa fi triq Aguis de Soldanis- dawn ma kellmunix lura.

- Tabella fi triq tad-duru- Din tranġat.
- Knis fi Triq ta' Zrajk- dan qed isir.
- Pendenti: Patch fi Triq il-Knisja (din ser issir ma Ta' Ħida).

***37.4.3.Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

- Passaġġ bit-torba fi Triq tax-Xini – Il-Kunsill għadu qed jipprova fuq dan.
- Ħitan fi Triq ta' Xħajma- Dan għadu ma sar xejn fuqhom.
- Sinjali tat-toroq fi triq Għajn Qasab- TM qed jaħdmu fuqhom.
- Siġra fi Triq Guze Ellul Mercer- Din lesta inqalet.
- Movember- Din ser isir it-Tnejn.
- Gate fi Triq ta' Kenuna- ser isir katina peress li hemm ħafna.

***37.4.4. Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella*:**

- Jitnaqqas pied yellow line fi Sqaq Dun Karm Caruana- din lesta.

***37.4.5. Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri*:**

- Pannelli fi Sqaq San Gakbu – dawn ser jitrangaw.
- Tkaħħil mat-torri ta' Sopu – dan għadu ma sarx.
- Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru- Dan qed naraw mal-perit tal-Kunsill.

**37.5. Korrispondenza;**

# KUNSILL LOKALI NADUR

| | |
|---|---|
| 6347 | Requet of relocation of bus stop Xandriku Triq il-Knisja |
| 6348 | Ittra minghand il-Perit Alex Bigeni rigward sqaq fi triq it-Tigrija |
| 6349 | Ittra minghand il-Perit Timothy Portelli rigward sqaq fi triq Dun Gorg Preca |
| 6350 | Itttra minghand il-Perit Leonard Spiteri rigward sqaq fi Triq San Blas |
| 6351 | Ittra minghand Ramona Cassar rigward sqaq fi Triq Ramla rd |
| 6352 | Ittra minghand Muzew Subien rigward kollaborazzjoni tal-Kuncert Milied |
| 6353 | DLG rigward hatra ta' Deputat Ezekuttiv Segretarju |
| 6354 | Ittra ta ringrazzjament minghand ARKA ghal Halloween donations |
| 6355 | Ittra minghand l-Avukat Mampalao rigward incident fi Triq DC Cocco Palmeri |
| 6356 | Ittra ufficcjali rigward l-incident DC Cocco Palmeri |
| 6357 | PQ 162/164/167 |
| 6358 | PQ 158/161/163/165 |
| 6359 | Cirk AKL 2021/1110- Cat Feeders |
| 6360 | Cirk. AKL 2021/117- update on status of PA funding with LC |
| 6361 | Cirk. 11/2021- permessi mahruga mill-KL |
| 6362 | Cirkulari 13/2019- Permessi ghal depositu jew uzu ta' krejn |
| 6363 | Laqgha mal-Ministru Edukazzjoni gewwa lukanda san lawrenz |

***Rimarki oħra:-***

Ittra minn DLG rigward Deputat Segretarju Ezekuttiv- Il-Kunsill reġgħa ħatar lis-Segretarju Ezekuttiv tal-Qala- marcia Borg. Is-Segretarja ser tinforma lid-Dipartiment b'dan. Marcia Borg aċċettat ukoll minn naħa tagħha.

MGOZ-

- Ħaddiema f'siti Attrazzjonijiet- Qed naħdmu fuq l-insurance.
- Ħadid railing fi Triq ir-Rabat- Is-Sindku reġgħa tkellem ma' MGOZ.
- Patching fi Triq ir-Rabat – Is-Sindku tkellem mad-Dirattur tal-MGOZ reġgħa fuqha.
- Hbiberija ma Vyshny Volochyok – Is-Sindku innota li hu għandu kuntatt magħhom u qed naraw il-possibilita' li nitellgħu hemm f'Awwissu.
- On The Road Exhibition – Is-sindku ta update fuq dan.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Kollaborazzjoni mal-Museum tas-Subien fl-attivitajiet tal-Milied. Kien hemm qbil.
- Relocation Bus Stop Xandriku at Triq il-Knisja – Is-Segretarja innotat li din hija Triq one way u mingħajr bankina. Is-Sindku għamel mozzjoni:- Il-Kunsill tan-Nadur mhux l-awtorita' responsabbli li tqiegħed jew tressaq Bus stop u fid-dawl ta' dan TM irridu jaraw jekk din l-istage tistax tiċċaqlaq sakemm tirispetta liġijiet tat-traffiku mingħajr telf ta' Parking jew problemi lil residenti. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni jekk TM ma isibx problemi. Il-Viċi Sindku astjena peress li hu kontra li tiċċaqlaq. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli issekonda din il-mozzjoni bil-qbil bejn il-Kunsilliera l-oħra. Il-Kunsillier Joseph Vella innota li din l-istage għamlet zmien mhux hemm u meta reġgħet twaħħlet ma ġewx informati r-residenti.
- Talbiet ghal Sqaqien: Is-Sindku innota li kien hemm talbiet rigward Erbgħa sqaqien u li staqsew jekk humiex mgħaluqa għal pubbliku b'gate u hux qed isir manutenzjoni minn naħa tal-Kunsill fuqhom. Dawn huma:-
- Sqaq fi Triq Tigrija faċċata ta' l-iskola – Sqaq miftuh ma' hemmx gates u jsir manutenzjoni meta jiġi mitlub mir-residenti u dawk li jagħmlu uzu minnu. Kien hemm qbil fuq dan mill-Kunsilliera.
- Sqaq fi Triq San Gorg Preca – Din ser tinbena fit-Triq innifisa li hija pubblika, ma hiex magħluqa, u nieħdu ħsieba bhala kunsill u hemm *street light*. Kien hemm qbil fuq dan mill-Kunsilliera.
- Sqaq fi Triq San Blas ħdejn residenza numru 45. Dan huwa sqaq miftuħ, bla gate u aċċessibli. Diġa hemm bini ieħor hemm gew kollu n-naħa l-oħra. Ir-residenti li ghandhom proprjeta hemm ma ghandhomx issues. Kien hemm qbil fuq dan mill-Kunsilliera.
- Sqaq fi Triq ir-Ramla ħdejn supermarket li għalaq. Sqaq huwa miftuħ, bil-konkos li sar minn naħa tal-Kunsill, bid-dawl u aċċessibli. Kien hemm qbil fuq dan mill-Kunsilliera.

Is-Segretarja innotat li hi talbet parir legali u resqet talbiet għad-deċizzjoni tal-Kunsill peress li l-Kunsill ma' għandux informazzjoni ta' dokumenti fuq sqaqien jekk humiex privati jew le u wisq aktar il-Kunsill m'huwiex id-dipartiment li jagħmel dan. Il-Kunsilliera qablu li jingħata biss l-informazzjoni li jaf il-Kunsill li jsir biss manutenzjoni meta jiġi mitlub u fejn m'hemmx gates u jekk ikun hemm xi lampi tal-gvern. Jekk jintalab aktar informazzjoni imbgħad iridu jmorru d-dipartiment tal-Artijiet u mhux il-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Dan il-ħin il-Viċi Sindku għamel mozzjoni li Avukat naħtru lil Dr. Chris Said, fin-nuqqas tiegħu lil Dr. Rita Mifsud u fin-nuqqas tagħha lil Dr. Nadia Vella. Il-Kunsillier Joseph Vella issekonda dinil-mozzjoni u s-Sindku ma hax sehem fid-diskussjoni. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera l-oħra.

Il-Kunsilliera qablu fuq dawn l-erbgħa sqaqien biex tintbgħat ittra minn naħa tal-kunsill b'dawn id-dikjarazzjonijiet fl-erbgħa kazijiet bil-punti imsemmija.

- Sitwazzjoni Skola Primarja- Il-Kunsill irċieva petizzjoni rigward l-issue ta' l-iskola Primarja peress li ser jiċċaqalqu tfal barra r-raħal fi skejjel oħra sa x'ħin isir il-bini ta' iskola. Is-Sindku għamel mozzjoni fuq is-suġġeriment tal-Kunsillier Joseph Vella li nitolbu laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Education u l-amministrazzjoni tal-iskola, representat tal-ġenituri u għalliema. Isir diskussjoni miftuħa fuq way forward u tingħata risposta lil ġenituri li bgħatu l-petizzjoni biex isiru jafu x'qed isir minn naħa tal-Kunsill u anke fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni tal-kunsill. Il-Viċi Sindku issekonda din il-mozzjoni.

**37.6. Skemi;**

**Skema Għall-żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy-** Il-Kunsill applika u qed nistennew risposta.

**Skema Reġjonali –Ambjent 2021-** Il-Kunsill qed jaħdem fuq BOQ għal-latrina.

**Skema Reġjonali –Kultura Għawdex 2021-** Il-Kunsill applika għal Wine Festival**.**

Skema Reġjonali Libreriji fil-Lokalita 2021- Il-Kunsill bgħat l-applikazzjoni.

Skema Finanzjament Milied 2021- L-applikazzjoni ġiet aċċettata bl-ammont ta' 10,000 euro.

Skema MGOZ Milied 2021- Il-Kunsill applika u ser ningħataw l-ammont ta' 5,000 euro.

Skema Halloween  2021 MGOZ- Ser nagħmlu l-claim.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

KUNSILL LOKALI NADUR

**Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy** – Il-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' 5,500 euro għal karnival.

***Skema Outdoor gym Assistance for Gozitan Local Councils 2020*- ECO Gozo-MGOZ**- Ix-xogħol lest u qed nagħmlu l-claim.

**Skema LESA-** Il-Kunsill applika mill-ġdid fuq l-istess proġett għat-tieni sejħa.

**37.7 Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali**

**37.7.1. Gieħ in-Nadur** – Din l-attivita' kienet ta' suċċess kbir.

**37.7.2. Halloween –** Din l-attivita' ukoll kienet ta' suċċess u kien hemm kliem ta' tifħir mill-pubbliku.

**37.7.3. Nadur 8K-** Is-Sindku ta update fuq din l-attivita' u hemm ammont kbir ta' applikazzjonijiet diġa.

**37.7.4. Innu tan-Nadur**- Is-sindku ta' update fuq dan.

**37.7.5. Milied 2021**-

Nativita ta' Xhajma – Din qed tinħadem.

Girlandi ta' Xhajma – Dawn leati.

Santa House – Din ha tintrema fil-bidu ta Diċembru.

Dawl jixgħel fit- 8 ta'Diċembru u l-Villagg fit-12 ta' Diċembru.

L-Offerta tad-dawl ħarget.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Letter Box – Din lesta.

Santa House se tiftaħ diversi ġranet.

Music fit-Toroq – għadna naraw x'ser jinxtara.

Santa madwar in-Nadur – Din ser jagħmel l-Għaqda ta' Triq il-Kappillan bil-kollaborazzjoni tal-Kusill.

Hampers voluntiera.

Rigal Day Centre

Rigal lit-Tfal ta' l-iskola – ktieb

Banner tal-Milied minn Paul Portelli.

**37.7.6. Nadur Nadif**- Ir-rigali inxtraw u l-Kunsill ser joħodhom għal-pizza bhala ringrazzjament. Kien hemm qbil.

**37.8. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**37.8.1. Triq ir-Ramla l-Qadima-** Bħalissa l-Kuntrattur mhux jaħdem hemm peress li qed jaħdmu fuq Triq l-Imgarr.

**37.8.2. Belvedere fi Triq ir-Ramla l-Qadima-** Il-Kunsill qed jaħdem fuq offerta u applikajna ma' DPF.

**37.8.3. Dawl fis-soft area ta' Triq it-Tramuntana-** Daqt għandu jsir ix-xogħol.

**37.8.4. Muxa fi Triq San Gwann** – Is-Survey huwa lest u l-Perit ser jaħdem fuq proposta.

**37.8.5. Zebgħa u bullards fi Triq Arc. Saver Cassar u Pjanti-** għad iridu isiru.

**37.8.6. Dawl tal-monuemt tal-Gwerra-** Dan ser isir.

**37.8.7. Il-Festun tal-fiss fil-Pjazzetta-** Qed naħsbu għal dan.

**37.8.8. Belvedere Triq Duru** – Inbeda x-xogħol.

**37.8.9. Dwal Brazzi Pjazzetta**- Ser naraw u l-Kunsill ser jipprova li jinbidlu l-parti ta' fuq peress li qdiemu ħafna.

**37.8.10. Fontana Xandriku-** Qed isir it-tiswija ta' l-ilma.

**37.8.11. Gazebo fil-Belvedere DC Cocco Palmeri-** Ħa tinħadem gazebo.

**37.9 Progetti Infrastrutturali għas-snin li ġejjin:**

- Il-Muxa ta' Triq San Gwann – Din tiġi applikata taħt skem tar-Reġjun ta' Għawdex.
- Il-BISs fi Triq it-Tigrija taħt l-art madwar stima ta' €30,000 li tiġi applikata jekk tinħareġ xi skema tal-ambjent.
- Tisbieħ tal-Ġebel l-Aħmar – soft landscaping, ħitan tas-sejjieħ, madum u bankijiet – madwar €20,000
- Belvedere tad-Duru Belvedere madwar €20,000-30,000.
- Ta' Xhajma – proposta differenti li tinkludi pjanti, mosaic u tisbieħ tal-ħitan.
- Bankina Pjazzetta – pavimentar u dawl fil-bankina.
- Latrina San Blas – taħt skema Lesa/ dpf

**37.10.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**37.10.1.Rikjesti mis-Sindku:**

Talba għal yellow lines ma' ġenb garage fi Triq it-Tigrija – Kien hemm qbil.

Yellow lines faċċata garage fi Triq San Blas – Kien hemm qbil.

Talba għal yellow lines fi Triq Grunju quddiem għalqa- Din it-talba ser tintbgħat lil TM.

Talba biex jinbnew ħafna ħitan tas-sejjieħ madwar ir-raħal li twaqqew minħabba maltemp. Kien hemm qbil.

Talba għal mera fi Triq ta' Said- Kien hemm qbil.

Talba għal rampa fi Triq il-Qala. Kien hemm qbil.

Talba biex il-Karozzi tal-funerali jkunu jistgħu joħorgu minn naħa tal-one way. Kien hemm qbil u ser TM ġa approvaw u ser jagħamlu t-tabelli huma.

**37.10.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

Talba għal yellow lines naħa waħda ta' garage fi triq ta' Duru. Kien hemm qbil.

Talba għal mera fi Triq Frangisk Attard. Peress li hadd ma jrida mal-faċċata ma tistax isir.

Talba għal cement mal-bankina fi Triq San Blas- Kien hemm qbil.

Talba għal zbir tal-Palm fi triq Duru. Kien hemm qbil.

Talba għal disabled parking ħdejn iċ-ċimiterju. Kien hemm qbil.

Talba to re-do yellow lines u toqba fit-triq fi Triq Ħida-Kien hemm qbil.

Talba għal zbir ta' siġra fi Triq San Gakbu li perikuluza- Din ser isir.

**37.10.3 Rikjesti mingħand Joseph Vella:**

Talba biex jitneħħa container fi Triq Arc. Saver cassar. Il-Kunsill ser jipprova jara ta' min hu.

Talba biex titranġa lapida u siġra. Il-Kunsill ma' jistax peress li tal-MLP personali.

**37.10.4. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:**

Talba għal yellow lines ma garage fi Triq Papa Pawlu. Kien hemm qbil.

**37.10.5. Rikjesti mingħand Josef Camilleri:**

Ma kienx hemm rikjesti.

Is-Segretarja innotat li ser jintremew 2 speakers antiki li kienu mal-computer ta' l-uffiċċju tagħha li ma jaħdmux.

V.L. Segretarju Ezekuttiv- Ġie spjeġat li s-Segretarju Ezekuttiv kien għad fadlilha xi vacation leave li minħabba impenji ta' xogħol matul is-sena mhux ser ikun ittieħed sa l-aħħar tas-sena. Il-Kunsill qabel li l-Vacation Leave għandu jizdied ma' tas-sena d-dieħla.

**37.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir fid-9 ta' Diċembru fl-10:00a.m. u filgħaxija ikun hemm l-ikla tal-Milied tal-impjeġati, CWS u kunsilliera flimkien mal-partners tagħhom.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva